

Brussell, 4 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8823/26

ENER 212  
FISC 157  
ECOFIN 560  
COMPET 515  
ENV 442  
IND 300

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2851 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'30.4.2026 dwar il-ġestjoni tar-riskji mill-fornituri

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 2851 final.

Mehmuż: C(2026) 2851 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026  
C(2026) 2851 final

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta'30.4.2026**

**dwar il-ġestjoni tar-riskji mill-fornituri**

{SWD(2026) 126 final}

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'30.4.2026

## dwar il-ġestjoni tar-riskji mill-fornituri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu.

Billi:

- (1) Tul il-kriżi tal-prezzijiet tal-enerġija 2021-2022, ċerta instabbiltà sinifikanti fis-settur tal-elettriku wasslet biex xi fornituri fallaw, b'effetti konsiderevoli fuq il-konsumaturi. Meta l-fornituri ma jagħmlux hedging sew tal-portafolli tal-elettriku tagħhom, iċ-ċaqliqiet fil-prezzijiet bl-ingrossa jistgħu jesponuhom għal diffikultajiet finanzjarji, li potenzjalment iwassluhom għall-falliment, filwaqt li r-riskji u l-kostijiet ikollhom jerfġuhom il-konsumaturi u parteċipanti oħra fis-suq. Biex il-konsumaturi jitħarsu minn konsegwenzi bħal dawn, il-fornituri li joffru kuntratti bi prezz fiss jeħtieġ ikollhom strateġiji xierqa tal-hedging, proporzjonati skont l-aċċess tagħhom għall-ġenerazzjoni, il-kapitalizzazzjoni tagħhom, l-esponiment tagħhom għall-volatilità fil-prezzijiet bl-ingrossa, u d-daqs u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq.
- (2) Il-kunċett ta' "hedging" jirreferi għal strateġija tax-xiri jew strateġija finanzjarja mfassla biex ittaffi r-riskju ta' ċaqliqiet avversi fil-prezzijiet fis-swieq tal-enerġija. B'hedging effettiv, il-fornituri jistgħu jistabbilizzaw il-kostijiet tal-akkwist, jiproteġu lillhom infushom mill-volatilità tas-suq bl-ingrossa, u joffru prezzijiet bl-immnut stabbli u prevedibbli lill-konsumaturi. Il-fornituri b'portafolli sostanzjali ta' kuntratti bi prezz fiss jeħtieġ jagħmlu hedging kontra ċ-ċaqliq fil-prezzijiet tul il-perjodu tal-kuntratti, filwaqt li jitqiesu l-varjazzjonijiet fix-xejriet tal-konsum.
- (3) Filwaqt li l-hedging jista' jwassal għal żieda fil-kostijiet, is-sigurtà li jipprovdi tiswa mitqllu deheb, għax il-fallimenti fis-settur jistgħu jżidu l-kostijiet lill-konsumaturi billi jxekklu r-ritmu tal-pagamenti li l-konsumaturi jħallsu bil-quddiem u potenzjalment iwasslu għal alternattivi aktar għaljin. Għalhekk, il-fornituri jridu juru li l-istrateġiji tagħhom jaqblu mal-mudelli tan-negozju tagħhom u ma johlqux riskji bla bżonn lill-konsumaturi, b'mod partikolari b'nuqqas ta' prattiki adegwati tal-hedging. Il-kompetizzjoni fis-suq tkun mistennija tinċentiva l-ottimizzazzjoni tal-kostijiet, u tnaqqas il-kostijiet għall-konsumaturi. Għalhekk, l-appoġġ għal kompetizzjoni soda fost il-fornituri bl-immnut hu vitali biex jittaffew iż-żidiet potenzjali fil-kostijiet tal-fornituri.
- (4) Filwaqt li l-fornituri għandhom ir-responsabbiltà fundamentali li jistabbilixxu u juru l-adekwatezza tal-istrateġija tal-hedging tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom il-kompetenza u l-obbligu li jinfurzaw dik ir-responsabbiltà fuq il-fornituri

skont l-Artikolu 18a tad-Direttiva (UE) 2019/944<sup>1</sup> kif emendata bid-Direttiva (UE) 2024/1711<sup>2</sup>.

- (5) Miżura effettiva biex jissaħħu r-reżiljenza u l-ġestjoni tal-likwidità tal-fornituri tal-enerġija hija l-ittestjar tal-istress, li f'dan il-kuntest hu simulazzjoni li tevalwa l-impatt ta' fatturi tar-riskju predeterminati. It-testijiet tal-istress jistgħu jgħinu biex titkejjel ir-reżiljenza finanzjarja tal-fornituri. Hija fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jiddeterminaw l-inklużjoni u l-istruttura ta' tali testijiet tal-istress.
- (6) Ir-riskji finanzjarji li jiffaċċjaw il-fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu marbuta ferm mad-dinamika kumplessa bejn is-swieq fiżiċi u s-swieq finanzjarji, b'mod partikolari s-swieq tad-derivattivi. Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn ir-regolaturi tal-enerġija, is-superviżuri prudenzjali, u l-awtoritajiet tas-suq finanzjarju tista' tgħin biex jingħarfu l-vulnerabbiltajiet transsettorjali, b'mod partikolari dawk relatati mar-rekwiżiti tal-marġinazzjoni, ir-rekwiżiti tal-kollateral, u r-rekwiżiti tal-likwidità fin-negozjar tad-derivattivi tal-enerġija.
- (7) Għadu diffiċli li l-komunitajiet tal-enerġija jinvolve ruħhom ma' prodotti tal-hedging fi swieq ċentralizzati. Din is-sitwazzjoni tkompli żżid l-esponiment tagħhom għaċ-ċaqliqiet fis-suq, u qed titqal b'diskussjonijiet fil-livell nazzjonali dwar l-impożizzjoni ta' rekwiżiti tal-hedging fuq il-fornituri, li potenzjalment iqawwu r-riskji tas-suq għall-fornituri tal-komunità mingħajr ma jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom.
- (8) Filwaqt li l-Istati Membri għandhom ċerta diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 18a tad-Direttiva (UE) 2019/944, din ir-Rakkomandazzjoni għandha tipprovdi gwida dwar l-infurzar tal-ġestjoni tar-riskju mill-fornitur biex il-konsumaturi jitħarsu mir-riskji tal-fornituri u mix-xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija,

#### ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Hu rakkomandat li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri li ġejjin:

#### Traspożizzjoni

1. Meta jittrasponu l-Artikolu 18a(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtorità regolatorja nazzjonali indipendenti għall-kompitu tal-infurzar. **Hu rakkomandat li l-Istati Membri jassenjaw il-kompitu tal-infurzar lir-regolatur, jew lil awtorità indipendenti simili oħra b'mandat qawwi ta' protezzjoni tal-konsumaturi** biex jinfurzaw miżuri prudenzjali fuq il-fornituri, filwaqt li jiżguraw sorveljanza u protezzjoni effettivi tal-interessi tal-konsumaturi.
2. **Jiddelegaw l-implimentazzjoni u l-infurzar dettaljati tal-obbligu fuq il-fornituri** biex idaħħlu fis-seħħ u jimplimentaw strateġiji xierqa tal-hedging, kif ukoll l-obbligu li jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jillimitaw ir-riskju tagħhom ta' interruzzjoni fil-provvista **lill-awtorità deżinjata**. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj>).

<sup>2</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1711 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1711, 26.6.2024, <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1711/oj>).

ġenerali għal dan il-għan, diment li dawn ikunu jirrispettaw l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/944.

3. **Iqisu li l-istrateġiji xierqa tal-hedging jistgħu fil-prinċipju jkunuu żgurati b'regoli ġenerali tas-sorveljanza**, mingħajr ma jintalab rieżami dettaljat tal-pożizzjonijiet jew tal-istrateġiji ta' kull fornitur. **Hu rakkomandat l-użu ta' ċerti għodod bħal testijiet tal-istress u ta' rekwiżiti tar-rapportar mill-fornituri biex jiġu vvalutati aktar dawn l-istrateġiji tal-hedging.** L-Istati Membri għandhom jimplimentaw regoli ġenerali għall-fornituri li jħarsu s-sorveljanza mingħajr ma jikkompromettu l-libertà kummerċjali tagħhom.
4. **Jippermettu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jiddeterminaw qafas ta' infurzar xieraq**, inkluż ċikli ta' rapportar regolari u ttestjar tal-istress, li jkun proporzjonat skont id-daqs tas-suq, it-tip ta' fornitur u l-esponiment għar-riskju.
5. **Jistabbilixxu obbligu għall-fornituri biex jimplimentaw strateġiji xierqa tal-hedging** u jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju tagħhom li jfallu, filwaqt li jillimitaw l-effetti konsegwenzjali fuq is-sistema finanzjarja. Dan jista' jinkludi l-introduzzjoni ta' kriterji tal-liċenzjar prudenzjali, livelli limitu ta' solvenza finanzjarja jew miżuri tal-likwidità, biex l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkun jistgħu jivvalutaw l-istrateġiji tax-xiri tal-fornituri u l-ġestjoni tar-riskju mill-fornituri.
6. **Iħeġġu lill-fornituri jħaddmu l-istrumenti differenti għall-hedging** disponibbli, inkluż il-kuntratti forward, futuri u l-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija (PPAs, power purchase agreements).
7. **Jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija u ta' atturi iżgħar tas-suq billi jissimplifikaw l-aċċess għall-prodotti tal-hedging**, jippromwovu l-mekkaniżmi tal-aggregazzjoni, in-negożjar bejn il-pari u l-PPAs kooperattivi, f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2026) 2850 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-awtokonsum<sup>3</sup>.

### **Prinċipji gwida għall-infurzar**

8. **Jiżguraw li l-istrateġiji tal-hedging** żviluppatti u implimentati mill-fornituri jkun jqisu l-aċċess tal-fornituri għall-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni tagħhom stess u l-kapitalizzazzjoni tagħhom, flimkien mal-esponiment tagħhom għaċ-ċaqliqiet fil-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa, id-daqs tal-fornituri, l-istruttura tas-suq u d-disponibbiltà tal-likwidità.
9. **Jirrikonoxxu li l-istrateġiji xierqa tal-hedging ikunu jvarjaw skont it-tip ta' fornitur u l-kuntest nazzjonali.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri juru l-adeqwatezza tal-approċċ tagħhom meta mqabbel mal-mudell tan-negożju tagħhom u li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeżerċitaw flessibbiltà fl-infurzar.
10. **Jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jippromwovu l-adozzjoni ta' strateġiji effettivi tal-ġestjoni tar-riskju fost il-fornituri biex itaffu l-effetti tal-volatilità fil-prezzijiet** fuq il-fornitur u s-sistema kollha kemm hi, filwaqt li jirrikonoxxu li hedging sħiħ mhux dejjem ikun hemm bżonnu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkun jippermettu hedging

<sup>3</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-awtokonsum – C(2026)2850.

parzjali jekk il-fornituri jkunu kapaċi juru reżiljenza ekwivalenti permezz ta' assi tal-produzzjoni, riżervi tal-likwidita' jew salvagwardji oħra. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri akbar b'portafolli sinifikanti bi prezzijiet fissi jkollhom kopertura tal-hedging proporzjonata biex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji sistemiċi.

11. **Jattrezzaw lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali bil-kompetenzi meħtieġa** biex jispeċifikaw, jimmonitorjaw u jinfurzaw l-obbligi tal-hedging, filwaqt li jħarsu l-flessibbiltà tal-fornituri fit-tfassil tal-approċċi tal-ġestjoni tar-riskju li jnaqqsu b'mod effettiv l-esponiment għall-volatilità.
12. **Iħeġġu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-fornituri biex, meta fattibbli, jimplementaw testijiet tal-istress regolari jew *ad hoc*** li jissimulaw kundizzjonijiet avversi fis-suq, ħalli jivvalutaw il-likwidità, is-solvenza u l-esponiment tal-fornituri għar-riskji. It-tul u l-ambitu ta' dawk is-simulazzjonijiet għandhom jiġu determinati fil-livell nazzjonali, pereżempju fuq medda ta' sitta jew tnaax-il xahar.
13. **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi biex jieħdu azzjonijiet preventivi proporzjonati bi thejjiha għal tluq ordnat mis-suq**, f'konformità mad-dispożizzjoni dwar il-fornitur tal-aħħar istanza stabbilita fl-Artikolu 27a tad-Direttiva (UE) 2019/944<sup>4</sup>. F'każijiet ta' diffikultà jew inadempjenza tal-fornitur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw proċess ċar u trasparenti bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri (tal-aħħar istanza). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jiġu infurmati minnufih, b'lingwaġġ sempliċi, dwar il-kontinwità tal-provvista, l-attivazzjoni tal-iskema tal-fornitur tal-aħħar istanza, u kwalunkwe bidla fit-termini kuntrattwali.

#### **Niżguraw rapportar effettiv u sempliċi**

14. **Iħeġġu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistabbilixxu obbligi tar-rapportar għall-fornituri li jkunu proporzjonati u faċli għall-utenti**, filwaqt li meta possibbli jibnu fuq oqfsa tal-liċenzjar eżistenti. Għandhom jintużaw għodod tar-rapportar diġitali biex ikunu żgurati l-effiċjenza u t-trasparenza. L-Istati Membri għandhom iħeġġu wkoll lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jallinjaw kull rapportar mal-obbligi tad-data skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament.
15. **Jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu adottaw strateġiji tar-rieżami adattati għas-swieq nazzjonali**, sew jekk b'valutazzjonijiet komprensivi jew rieżamijiet tal-lottijiet jew monitoraġġ abbażi tar-riskju, filwaqt li jqisu d-daqs tal-fornitur, il-kumplessità tal-portafoll u l-aċċess għall-ġenerazzjoni jew għal-likwidità. L-Istati Membri għandhom iħeġġu wkoll lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jistabbilixxu ċikli tar-rapportar li jtejbu l-prevedibbiltà għas-settur, filwaqt li jqisu intervalli li jaqblu bl-aħjar mod mal-ħtiġijiet regolatorji u l-operazzjonijiet tal-industrija.
16. **Jiżguraw li fl-istrateġiji tal-infurzar tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jittrattaw lill-fornituri kollha b'mod ġust u ekwu**. L-istrateġiji

<sup>4</sup> L-Artikolu 27a, id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1227/oj>).

tar-rieżami, speċjalment l-approċċi abbażi tar-riskju, għandhom jitmexxew bi kriterji ċari u predefiniti biex jiżguraw it-trasparenza, il-prevedibbiltà u l-konsistenza, u għandhom jiżguraw kundizzjonijiet ekwi filwaqt li japplikaw ir-rekwiżiti b'mod proporzjonat skont id-daqs u l-profil tar-riskju tal-fornitur.

17. **Iħeġġu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jirrieżaminaw u jaġġornaw sikwit l-oqfsa tar-rapportar u tas-sorveljanza** skont l-iżviluppi tas-suq. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni mal-banek ċentrali nazzjonali, mar-regolaturi finanzjarji u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex itejbu l-koerenza u jiżguraw li s-superviżjoni prudenzjali tibqa' soda u kredibbli. Qed jitħeġġeġ ukoll l-iskambju tal-aqwa Prattiki bejn ir-regolaturi tal-UE.

Magħmul fi Brussell, 30.4.2026

*Għall-Kummissjoni*  
*Dan Jørgensen*  
*Membri tal-Kummissjoni*

